**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 259/2016 CFF**

**United Acceptances Finance Limited**
**Vs**
**Abraham Bezzina**

**Illum 30 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Patricia Hili debitament awtorizzata minn United Acceptances Finance Limited fejn ikkonfermat:

Illi permezz tal-ittra ufficjali numru 4785/2009, is-socjeta' rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti ghal EUR 684.84 annessi mal-istess ittra ufficjali ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minkejja dan, l-intimati baqghu inadempjenti u l-kambjali annessi mal-imsemmija ittra ufficjali ghadhom ma thallsux;

Illi ghaddew iktar minn hames snin minn meta dawn il-kambjali gew rezi esegwibbli skont il-ligi u ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti ma tistax tipprocedi minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi ghal finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' EUR 684.84, flimkien mal-imghaxijiet u spejjez relattivi skont il-ligi ghadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv ghall-kambjali hemm indikati;

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-premess, is-socjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-30 t'Ottubru, 2017 l-intimat Abraham Bezzina debitament notifikat fl-10 ta' Jannar, 2017 u msejjah tliet darbiet ma deherx u lanqas ipprezenta r-risposta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti United Acceptances Finance Limited u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**